**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 27 ta' Frar, 2019**

**Rikors nru: 271/17 AGV**

AB

Vs

CD

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici pprezentat fit-18 ta' Dicembru, 2017 li permezz tieghu ppremettiet u talbet s-segwenti:-

1. Illi l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut CD u minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt itfal bl-isem ta' E u F li twieldu nhar l-1 ta' Settembru, 2008 u nhar l-24 ta' Marzu, rispettivament.

2. Illi l-partijiet kienu tterminaw ir-relazzjoni bejniethom u kienu rregolaw il-kura u kustodja, l-access u l-manteniment tal-minuri permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Jean Karl Debono tat-18 ta'Awissu, 2011 (Dok.DC1 anness).

3. Illi pero' ftit wara li kien gie ffirmat dan il-ftehim kien hemm tibdil drastiku fic-cirkostanzi tal-partijiet u tal-minuri li kien jimmerita li fl-ahjar interessi tal-minuri jigu mibdula l-arrangjamenti milhuqa permezz tal-kuntratt surriferit u dan principalment ghal dak li jirrigwarda l-kura u kustodja tal-minuri, li in effetti fil-prattika llum hija vestita unikament fl-omm hawn rikorrenti kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-access li ghandu jigi ezercitat mill-missier hawn konvenut, billi dan id-dritt ghandu jigi revokat jew sospiz ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw waqt is-smiegh ta' dina l-kawza.

4. Illi dan it-tibdil kien necessarju ghaliex missier il-minuri hawn konvenut mhuwiex qed isegwi l-andament u t-trobbija tal-minuri u li ghalhekk l-istess minuri u l-interessi taghhom kienu qed jigu serjament ippregudikati. Tabilhaqq mill-ghada li gie ffirmat il-kuntratt, il-missier qatt ma ezercita l-access favur l-imsemmija minuri tant illi l-izghar fosthom l-anqas ghandu ideja minn huwa missieru.

5. Illi apparti s-suespost l-konvenut qatt ma hallas il-manteniment dovut minnu skond il-kuntratt surriferit hlief meta huwa gie kkundannat ghall-pieni ta' prigunerija in konsegwenza ta' tali nuqqas u biss sabiex jevita l-istess pieni.

6. Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat sabiex jersaq ghall-pubblikazzjoni ta' att korretorju opportun huwa baqa' inadempjenti.

7. Illi l-esponent gie debitament awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti permezz tad-digriet numru 2459/17 sabiex jintavola dawn il-proceduri (Dok.DC2).

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex fl-ahjar interess tal-minuri:-

1. Tordna u tawtorizza li l-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet tat-18 ta'Awissu, 2011 surriferit jigi emendat fis-sens illi l-kura u kustodja effettiva tal-minuri tigi fdata eskluzzivament f'idejn l-omm hawn rikorrent;

2. Tordna li l-istess kuntratt surriferit jigi emendat fis-sens illi l-omm ghandha l-fakolta illi tiehu wahedha u b'mod esklussiv id-decizjonijiet kollha kemm ordinarji u straordinarji dwar sahha u edukazzjoni tal-istess minuri u dan minghajr il-htiega tal-kunsens tal-missier;

3. Tordna ukoll li l-istess kuntratt surriferit jigi emendat fis-sens li l-omm ghandha l-fakolta' illi tiehu tapplika, titlob u tottjeni l-hrug ta' passaport ghaz-zewg minuri u dan minghajr il-htiega tal-kunsens tal-missier;

4. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenut li eccepixxa illi:-

1. Illi l-eccipjenti jaqbel mal-fatti tal-kaz elenkati fl-ewwel u fit-tieni paragrafu tar-rikors promotur;
2. Illi ghalkemm huwa minnu li kien hemm tibdil fic-cirkostanzi tal-partijiet wara li gie ffirmat il-kuntratt li rregola l-kura u kustodja, access u manteniment, l-esponenti kategorikament jichad dak implikat fir-rikors

guramentat li kapriccosament ma weriex interess fil-hajja tal-minuri. L-esponenti jishaq li l-kuntatt li kellu mal-minuri kellu jieqaf minhabba li l-kwistjonjiet serji li qamu bejnu u r-rikorrenti u familtha li waslu ukoll ghal proceduri legali;

3. Illi l-esponenti xorta wahda baqa' jittama li jkollu involviment fit-trobbija tal-minuri matul dawn l-ahhar snin minkejja d-differenzi bejn il-partijiet. Illi l-esponenti jrid ikollu kuntatt u access adegwat mal-minuri u ma jistax jitqieghed f'posizzjoni fejn jitkompla jigi mcahhad milli jara lil uliedu.

4. Illi l-esponenti ma jaqbilx illi l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata eskluzzivament f'idejn ir-rikorrenti, ma jaqbilx illi d-decizjonijiet rigward sahha u edukazzjoni jittiehdu da parti tal-omm minghajr il-kunsens tal-esponenti stess u lanqas ma jaqbel li l-attrici tkun tista' tapplika u tottjeni passaport ghal uliedu minghajr il-htiega u jew bzonn tal-firma tieghu stess.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet kollha tal-attrici.

Bl-ispejjez.

Rat l-affidavit tal-attrici fejn spjegat illi kellha relazzjoni ta' cirka seba' xhur mal-konvenut u kienet harget tqila bl-ewwel wild E. Tghid li minn meta harget tqila, l-konvenut kien inbidel bhal-lejl minn nhar, kien qabad hajja ta' guvni jigri barra mal-hbieb, kien telaq mix-xoghol tieghu ta' bennej ma' missieru u kien anke nqabad bid-droga. Kien sahansitra tressaq il-Qorti pero' ma kinitx taf jekk hux fuq pussess jew traffikar.

Tispjega li l-genituri taghha ma kinux approvaw ir-relazzjoni taghha mal-konvenut u malli saru jafu li kienet harget tqila kienu keccewha mid-dar. Kienet marret toqghod gewwa shelter il-Belt sakemm marret toqghod man-nanniet taghha u eventwalment regghet lura ghand ommha. Sakemm kellha l-ewwel wild tghid li hi u l-konvenut qatt m'ghexu flimkien, minkejja li qatt ma hassru r-relazzjoni. Tghid li l-konvenut kien joqghod m' ommu. Pero' tghid li ma kienx imur jara lit-tarbija fid-dar tal-genituri taghha ghax lanqas kien jitkellem maghhom. Kien ikollhom xi jghidu, tghid l-attrici, ghax kienu jaraw li l-konvenut ma kienx igib ruhu sew maghha, izda qatt ma spiccaw il-Qorti.

L-attrici kellha sbatax-il sena meta kienet harget tqila u ghalhekk kienet tibza' li se jkollha trabbi t-tarbija wahedha. Il-Konvenut kienet dejjem baqa' jwieghdha li se jinbidel, minkejja li kienet taf li kellu diversi relazzjonijiet ma' nisa ohra. Pero' dan qatt ma sehh u meta t-tarbija kellha sena u nofs ir-rikorrenti ddecidiet li twaqqaf ir-relazzjoni mal-konvenut.

Kien hawn li kellha tiftah proceduri l-Qorti sabiex l-konvenut ihallas manteniment ghat-tifla minuri, ghax lanqas sakemm damu f'relazzjoni ma kien jikkontribwixxi ghall-manteniment. L-attrici tghid li kienet baqghet tahdem sakemm kellha tmien xhur tqala u wara li welldet kienet tghix bil-beneficcji socjali u l-ftit flus li kellha mgemmghin.

L-attrici tistqarr li ftit xhur wara li bdiet il-proceduri l-Qorti, il-konvenut kien sab impjieg bhala delivery man u kien rega' pprova jirranga maghha u fil-fatt reghhet tatu cans, sakemm madwar erba' gimghat wara kienet reggghet harget tqila bit-tieni wild taghhom. Kien ghalhekk li ddecidew li fic-cirkostanzi kien opportun li jmorru jghixu flimkien u l-konvenut kien kera post minghand zijtu li pero' kien jehtieglu hafna xoghol. L-konvenut kien dam xi hmistax-il xahar biex lesta l-post

bil-flus li kienet tatha nannitha u kienet sadanittant anke twieldet it-tieni tarbija F.

Nel frattemp, l-attrici tispjega illi kienu baqghu ghaddejjin bil-proceduri sakemm waslu ghall-ftehim bonarju, li tghid li kien necessita' peress li kienet thoss li r-relazzjoni ma kellhiex fit-tul peress li l-konvenut kien qed ikun vjolenti maghha ukoll. Tghid li qatt ma kienet ghamlet rapporti, ghax kienet dejjem tahfirlu u fil-fatt, kienu baqghu jghixu flimkien, pero' l-konvenut rega' telaq mix-xoghol, ma kienx jikkontribiwixxi ghall-manteniment tat-tfal u kienet spiccat taghtih mill-ftit flus li kienet taqla' ghax kienet bdiet tahdem part-time bhala hairdresser biex ikollha flus ghas-sigaretti u ghall-petrol.

L-konvenut kien rega' qabad johrog u meta l-attrici ppruvat twaqqfu, tghid li kienet qalghet daqqa ta' siggu. Kien hawn li cemplet lil ommha u kienet telqet mid-dar. Dan kien ghall-habta tal-Milied tas-sena 2011.

L-attrici tistqarr li l-intimat kien dam xi xahrejn ma jara lit-tfal, izda mbaghad kien cemplilha biex jara lit-tifla l-kbira, peress li kellu suspett li t-tifla z-zghira ma kinitx tieghu. Minkejja li kien mar ghaliha, ftit wara kienu cemplulha mill-Ghassa tal-Marsa, biex tmur tigbor lit-tifla peress li kienet qed tibki u tirremetti ghax kienet imbezza' minn missierha. L-attrici tammetti li peress li t-tifla E kienet esperjenzat l-episodji ta' vjolenza li kienet giet assoggettata ghalihom mill-konvenut kienet trawmatizzata.

Kien hemm okkazzjoni ohra meta l-konvenut kien mar quddiem id-dar t'omm l-attrici biex jiehu lit-tifla E u kien mar fil-kumpanija ta' zewgt irgiel li ghar-rikorrenti kienu *junkies* u kien ghalhekk li rrifjutat li taghtih it-tifla.

Minn dakinhar, tghid l-attrici, il-konvenut qatt ma rega' ra lill-uliedu u huma jinstabu kuntenti hekk. Isemmi episodju fejn kienet hadet lit-tifla E ghand professor tal-ghajnejn peress li rrizulta li kellha bzonn operazzjoni ghax kellha lazy eye, *stigmatism* u *squid*, izda kienu qed jippruvaw jevitawha bl-uzu ta' nuccali li kien se jiswa' €300. Peress li kienet ghaddejja mill-Marsa, fejn f'dak iz-zmien l-konvenut kien qed jiggestixxi bar, waqqfghet biex tispjegalu x'kien gara u r-reazzjoni tieghu, apparti li kienet vulgari, kienet wahda ta' indifferenza totali, tghid l-attrici, u kien qal li ghalih bintu setghet tamgha.

Rat li l-konvenut ma gabx provi.

Ikkunsidrat

L-Artikolu 61 (1) tal-Kodici Civili jikkontempla illi:-

***"Kull ftehim bejn il-mara u r-ragel dwar il-kustodja tat-tfal jista', f'kull zmien, fuq talba tal-mara jew tar-ragel, jew ta' xi qarib ta' xi hadd minnhom, jigi annullat mill-qorti kompetenti, meta hekk ikun mehtieg ghall-gid tat-tfal.***

***F'dak il-kaz, il-qorti ghandha tiddeciedi f'idejn min ghandhom jigu moghtijin it-tfal, u kif ghandhom jitmantnew u jigu edukati."***

L-Artikolu 57 imbaghad jikkontempla s-segwenti:-

*"**(1) Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jigu fdati l-ulied minuri tal-mizzewwgin, il-mizzewwgin jibqghu fil-jedd li jaraw li kollox qieghed isir sewwa ghal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqghu obbligati li johorgu s-sehem li jmisshom ghall-manteniment u l-edukazzjoni skond il-ligi:***

***Izda dan id-dritt jista' jigi sospiz jekk l-ezercizzju tal-istess dritt qieghed lill-ulied jew lill-genitur l-iehor fir-riskju ta' hsara.***

***(2) Hu mholli fid-dehen tal-qorti li tistabbilixxi, skont ic-cirkostanzi, iz-zmien, il-lok u l-mod li fihom il-mizzewwgin ikollhom access ghall-ulied;***

***Izda l-qorti tista' tirrevoka d-dritt ghall-access meta l-konjugi li jinghata tali dritt jonqos milli jezercita tali dritt minghajr raguni valida.***

***(3) Il-qorti tista' tipprojbixxi ghal kollox lil kwalunkwe wiehed mill-genituri li jkollhom access ghall-ulied minuri taghhom, meta dan jista' jkun ta' hsara ghall-gid tal-istess minuri jew ghall-gid ta' kwalunkwe wiehed mill-genituri."***

L-attrici qed titlob li temenda l-ftehim ezistenti mal-intimat datat 18 ta' Awissu, 2011 in kwantu jirrigwarda l-klawsola 1 tal-istess kuntratt li titratta l-kura u kustodja tal-minuri, klawsola 2 li tirrigwarda d-decizjonijiet ta' sahha u edukazzjoni rigward l-istess minuri, kif ukoll klawsola 6 li tirreferi ghall-hrug tal-passaport ghal istess minuri[1].

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet **Miriam Cauchi vs Francis Gauci**, fejn fir-rigward tad-determinazzjoni tal-modalitajiet ta' l-ezercizzju ta' access ghal minuri, gie dikjarat is-segwenti:-

[1] Ara fol.8 tal-process.

***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda l-obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtiegilha jkollha kuntatt ma' omma u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htiegijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma il-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabbilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibli.***"

Il-partijiet kellhom zewg ulied li twieldu minn relazzjoni li kellhom bejniethom. Wara li l-attrici saret taf li kienet qed tistenna tarbija minghand l-konvenut, dan tal-ahhar inbidel mill-lejl ghan-nar. Minflok refa' r-responsabbilitajiet ta' missier, baqa' johrog kontinwament ma' hbiebu, telaq l-impjieg ma' missieru fejn kien jahdem u kien dejjem jigri barra. L-attrici tametti ukoll li kienet taf li kellu relazzjonjiet ma' nisa ohra, izda dejjem baqghet tittama li jittranga, ghax hekk kien iwieghdha.

L-attrici akkuzat lill-konvenut li kien abbuza mid-droga jew ittraffikaha u li kien spicca l-habs minhabba proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tieghu. Apparti minn hekk lanqas qatt skond l-attrici hallas manteniment ghall-uliedu u lanqas il-ftit li hadem ma kienx kapaci jissomministra alimenti. Kien anke sar vjolenti wara li twieldet it-tieni wild taghhom u l-attrici marret tghix mieghu ghal darb'ohra.

Dawn l-allegazzjonijiet mhumiex kontradetti mill-konvenut, ghax naqas volonarjament li jipproduci l-provi tieghu. Jekk verament kien interessat jiggieled ghall-uliedu, dan kien il-kamp tal-battalji, izda ghazel li ma jsegwhiex. Ghalhekk dina l-Qorti ssibha difficili li temmen dak li eccepixxa l-konvenut li kellu kull xewqa li jara lill-uliedu izda ma setax minhabba r-relazzjonijiet hziena li kellu mal-genituri tal-attrici. Ma ressaqx provi biex jikkontesta dak allegat, lanqas meta

hi semmiet li meta infurmatu li E kellha problema f'ghajnejha minhabba stigmatism, lazy eye u squid u kienet neqfet xi tlett mitt Euros, u talbitu l-ghajnuna finanzjarja, kien irrispondiha li setghet taghma ghalih, daqshekk kienet importanti bintu.

L-attrici hasset il-htiega li tasal ghall-ftehim konsenswali mal-konvenut, ghax kienet konsapevoli li r-relazzjoni mieghu ma kinitx wahda b'sahhitha u kellha bzonn tissalvagwardja l-interessi tal-minuri. Madankollu, anke l-konvenut stess, fl-eccezzjonijiet tieghu jametti li wara li gie ffirmat il-kuntratt l-affarijiet bejniethom ma baqghux l-istess. Tant hu hekk li lanqas ma kien qed isegwi l-access, ghax irrifjuta li jara l-izghar wild ghax tghid l-attrici li kien jissuspetta li t-tifla ma kinitx tieghu, izda lanqas ghal din il-prova ma ngabet kontestazzjoni u minn meta twieldet lanqas qatt ma rah. Ukoll, kien ha t-tifla E darba wahda biss pero' kellha tmur lura ghand ommha u kellhom jintervjenu l-pulizija ghaliex it-tifla kienet hadet kedda u kienet qed tibki u tirremetti ghaliex ma riditx toqghod ma' missierha.

Din kienet l-ahhar darba li l-konvenut effettivament ra lill-bintu, ghajr ghall-okkazzjoni wahda biss. L-attrici tirrelata dan l-agir mal-vjolenza li kienet rat il-minuri minghand missierha u ghalhekk kellha hafna biza' minnu u llum li ghadda aktar zmien thossha kuntenta li m'ghandhiex kuntatt mieghu. Provi kontra l-allegazzjonijiet ta' vjolenza u abbuz tad-droga ma ngabux u ghalhekk fuq bazi ta' probabilita' l-verzjoni tal-attrici hija wahda kredibbli.

Dawn ic-cirkostanzi kollha, flimkien mal-attitudni ta' indifferenza totali tal-konvenut fil-konfront ta' uliedu ma jhalli ebda dubju li mhuwiex ta' gid kemm ghalihom, kif ukoll ghall-attrici, li jibqa' jkollha kura u kustodja konguntiva u jkun ko-partecipi fid-decizjonijiet li jikkoncernaw is-sahha u l-edukazzjoni tat-tfal minuri u dan ghall-istabbilita' emozzjonali tal-minuri. L-access isir ghall-

interessi tal-minuri u mhux ghall-interessi tal-genituri u jkun ezercitat bl-anqas diffikolta' ghal istess minuri.

Ghandu jigi ppuntwalizzat ukoll li minkejja li fil-premessi, l-attrici talbet li l-access jigi revokat jew sospiz, m'ghamlitx talba *ad hoc* f'dan is-sens, pero' il-Qorti ser ikollha tiehu provvediment f'dan ir-rigward in vista tal-ewwel talba.

**DECIDE**

Tenut ta' dan kollu, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tikkonferma dawk tal-attrici:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna u tawtorizza li l-kuntratt bejn il-partijiet tat-18 ta' Awissu, 2011 surriferit jigi emendat fis-sens li f'klawsola 1 il-kura u kustodja effettiva tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn l-omm u cioe' l-attrici u per konsegwenza ghar-ragunijiet fuq spjegati tirrevoka klawsola 7 tal-istess kuntratt definittivament;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-istess kuntratt surriferit jigi emendat, precisament f'klawsola 3 fis-sens li l-omm ghandha l-fakolta' illi tiehu wahedha u b'mod esklussiv id-decizjonijiet kollha kemm ordinarji u straordinarji dwar sahha u edukazzjoni tal-istess minuri u dan minghajr il-htiega u kunsens tal-missier;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna wkoll li l-istess kuntratt surriferit jigi emendat f'klawsola 6 fis-sens li l-omm ghandha l-fakolta' illi tiehu, tapplika, titlob

u tottjeni l-hrug ta’ passaport ghaz-zewg minuri u dan minghajr il-htiega u l-kunsens tal-missier;

Spejjez kollha jibqghu a kariku tal-konvenut.

**Onor. Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**